**Każ Nru CEP-22-3138**

11 ta' Jannar 2023

Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Belt Valletta

Onor. Prim Ministru

Skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qed nibgħatlek kopja tal-korrispondenza u l-Opinjoni Finali fejn irrakkomandajt li l-Awtorità tal-Artijiet għandha timplimenta regolamenti u proċeduri għall-immarkar ta' żoni li jkunu ġew konċessi għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet għal skopijiet kummerċjali fuq art pubblika.

Filwaqt li niġbed l-attenzjoni li l-Awtorità tat biss l-ewwel reazzjoni tagħha f'din l-investigazzjoni fit-23 ta' Diċembru 2022 wara li kienet avviċinata erba' xhur sħaħ qabel, l-iskuża li ġabet l-Awtorità sabiex ma timxix mal-istess rakkomandazzjonijiet hija frivola billi l-fatt li l-Awtorità tal-Artijiet għandha tara għall-istess huwa stabbilit fl-istess *policy* fejn il-*Government Property Department* huwa definit bħala wieħed mill-*'permitting authorities'*. Huwa inutli li l-Awtorità tal-Artijiet tibqa tippretendi li dan l-immarkar għandu jaqa taħt ir-responsabbilità tal-Awtorità tal-Ippjanar kemm billi dan mhux konformi mal-amministrazzjoni ekwa tal-art pubblika u kif ukoll billi dawn il-marki m'humiex ikkunsidrati bħala żvilupp.

Insellimlek

Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

Dokumenti annessi: R5, 6, 7, 11

Kopja: Onor. Ministru għall-Ekonomija, l-Fondi Ewropej u l-Artijiet
*Chairperson* Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet
*Chairperson* Eżekuttiv, Awtorità tal-Ippjanar
Ilmentatur